31995L0049

L 233/86 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.9.1995

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 95/49/KE
tas-26 ta' Settembru 1995
li taġġorna l-lista ta' entitajiet koperti bid-Direttiva 91/296/KEE dwar it-transitu ta' gass naturali minn grilji

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 91/296/KEE tal-31 ta' Mejju 1991 dwar it-transitu ta' gass naturali permezz ta' grilji [1], kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/49/KE [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tagħha,

Billi l-grilji ta' transmissjoni ta' gass naturali bi pressjoni għolja u l-entitajiet responsabbli għalihom fl-Istati membri koperti bid-Direttiva 91/296/KEE huma elenkati fl-Anness li jinsab ma' dik id-Direttiva;

Billi l-lista g]andha tiġi aġġornata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri konċernati, fejn meħtieġ fi ħdan il-kuntest ta' l-għanijiet tad-Direttiva 91/296/KEE, u b'mod partikolari waqt li jingħata kont ta' l-Artikolu 2(1)(a) tagħha;

Billi l-evoluzzjoni ta' l-industriji tal-gass fi Spanja u l-adeżjoni tat-tlett Stati Membri ġodda, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, iqajmu l-ħtieġa li tiġi aġġornata dik il-lista;

Wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri konċernati,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/296/KEE huwa sostitwit bl-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel il-31 ta' Diċembru 1995. Huma għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kid issir dik ir-referenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fis-26 ta' Settembru 1995.

Għall-Kummissjoni

Christos PAPOUTSIS

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 147, tat-12.6.1991, p. 37.
[2] ĠU L 295, tas-16.11.1994, p. 16.

ANNESS

Lista ta' entitajiet u grilji ta' trasmissjoni ta' gass bi pressjoni għolja

Stat Membru	Entità
Il-Germanja	Bayerngas GmbH BEB Erdgas und Erdöl GmbH Erdgas Verkaufs-Gesellschaft mbH Gas-Union GmbH Mobil Erdgas — Erdöl GmbH Ruhrgas AG Saar Ferngas AG Thyssengas GmbH Vereinigte Elektrizitätswerke Westfalen AG (VEW) Westfälische Ferngas AG EWAG, Nürnburg Gasversorgung Süddeutschland Schleswag AG Thüga AG Verbundnetz Gas AG Wingas GmbH
Il-Belġju	Distrigaz SA
Id-Danimarka	Dans Naturgas A/S
Spanja	Empresa Nacional de Gas SA (ENAGAS) Gas Natural SDG, SA Gas de Euskadi
Il-Greċja	DEPA
Il-Lussemburgu	SOTEG
L-Olanda	NV Nederlandse Gasunie
L-Italja	Snam SpA Edison Gas SpA Società Gasdotti del Mezzogiorno SpA
Franza	Gaz de France SNGSO Compagnie française du methane (CEFEM)
Ir-Renju Unit	British Gas
L-Irlanda	Irish Gas Board
L-Awstrija	ÖMV AG
L-Isvezja	Vattenfall Naturgas AB Sydgas AB
Il-Finlandja	Neste Oy